# illum

22ċ / €0.51
www.illum.com.mt
02 ta' Diċembru 2007 • Nr 57


"Nixtieq nindifen fid-dgħajsa"

Walter Ahar intervistat paġna 16



In-novelli ta' Toni Abela kull nhar ta' Ħadd ma' *illum*




# Jaħftu ċ-ċans ma' miljun ewro mingħajr għassa

## L-HSBC diġà mwissi sentejn ilu dwar sigurtà fjakka

Julia Farrugia

**Il-hold-up ta' miljun ewro ta' nhar il-Ġimgħa seħħ biss ftit jiem qabel ma l-Bank HSBC kellu jdaħħal miżura ġdida li f'kull fergħa f'Malta u f'Għawdex jibda jkun hemm pulizija armat bħala deterrent għal serqiet u hold-ups.**

Dan sar fid-dawl tal-fatt li l-bank kien konxju li bħalissa kull fergħa għandha ammonti akbar ta' flus mis-soltu, l-aktar ewro, minħabba l-proċess ta' bidla tal-munita li se jsir mal-qalba tas-sena.

*Illum* hi nfurmata li ħaddiema fil-bank kienu ilhom infurmati b'din id-deċiżjoni għal numru ta' ġimgħat. F'dan l-istadju l-Pulizija ma tistax teskludi t-teorija li qabel wettqu l-hold-up il-ħallelin kienu nfurmati b'din il-bidla.

Jekk dan hu l-każ allura l-ħallelin kienu jafu li l-hold-up, jekk ma jsirx il-Ġimgħa kellu jsir is-Sibt għax inkella t-Tnejn kien ikollhom xkiel akbar x'jegħlbu.

F'kummenti lil din il-gazzetta, John Rizzo, Kummissarju tal-Pulizija, ikkonferma li l-Korp laqa' t-talba li l-HSBC għamel ftit wara l-hold-up biex il-miżura tal-pulizija armat f'kull fergħa tal-bank tkun imħaffa u fil-fatt kienet infurzata mill-bieraħ stess.

Sorsi qrib l-investigaturi sostnew, li anke jekk ma tistax tkun esklużа kompletament, il-probabbiltà hi li l-ħallelin ma kinux barranin.

L-istess sorsi qalu lil *Illum* li l-ħallelin huma tas-sengħa u b'esperjenza f'dawn it-tip ta' reati. F'dan l-istadju l-Pulizija qed titfa' għajnejha fuq persuni li fil-passat kienu nvoluti f'hold-ups u serqiet ta' din ix-xorta.

Dan il-fattur ikkonfermah il-Kap tal-Pulizija nnifsu li ma' *Illum* qal li "l-investigaturi għandhom numru ta' suspetti u li fl-aħħar sigħat kien hemm miżmuma minn ta' l-anqas żewġ persuni."

"Nemmnu li l-persuni wara l-hold-up huma tas-sengħa u possibbilment fl-imgħoddi kienu nvoluti f'serqiet bħal ta' nhar il-Ġimgħa," kompla John Rizzo.

Nifhmu li fost il-persuni li l-Pulizija għandha għajnejha fuqhom hemm persuni li setgħu skontaw sentenza dwar reati bħal ta' nhar il-Ġimgħa.

*Tkompli fuq paġna 3*

### Stħarriġ Illum

# Sahra bla taxxa: 59% favur, 43% jemmnu li tista' ssir

James Debono

**Kif mistenni l-maġġoranza tan-nies taqbel mal-proposta tal-MLP li jneħħi t-taxxa fuq is-sahra iżda jidher li għad hemm dubju fost l-elettorat dwar kemm din il-proposta tistax titwettaq.**

Stħarriġ tal-gazzetta Illum juri li maġġoranza kbira ta' 59 fil-mija jaqblu mal-proposta Laburista li tispiċċa t-taxxa fuq is-sahra. Huma biss 21 fil-mija li ma jaqblux.

Bla dubju, kull proposta li tħalli iktar flus fil-but qed tinżel għasel ma' l-elettorat li qed jara l-ħajja togħla minn jum għal jum.

Saħansitra 29 fil-mija ta'dawk li beħsiebhom jivvutaw lill-Partit Nazzjonalista wasslu biex jaqblu ma' din il-proposta. L-appoġġ fost l-indeċiżi jitla' għal 60 fil-mija.

*Tkompli fuq paġna 5*

Fgati bil-karozzi paġna 6

# Il-kondom għadu tabù fl-2007

Sabrina Agius



**Anki jekk il-kampanja dwar is-saħħa sesswali fl-iskejjel post sekondarji li tnediet din il-ġimgħa mill-awtoritajiet tas-saħħa hi fost l-iktar kampanji edukattivi mingħajr tidwir tal-lewża li kellna s'issa, jidher li għad hemm imblokk istituzzjonali fejn jidħlu skejjel sekondarji.**

Arlette Vassallo, rappreżentanta ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Istudenti tal-Mediċina (MMRA), qalet li l-kampanji ta' tagħrif li jorganizzaw huma għall-istudenti sekondarji għadhom isibu oġġezzjonijiet minn ċerti skejjel, speċjalment dawk tal-Knisja.

Studenti universitarji tal-mediċina jorganizzaw mawriet fi skejjel sekondarji biex jagħtu tagħrif lit-tfal dwar is-sess u l-mard trasmess sesswalment.

Vassallo qalet li f'dawk l-iskejjel li jaċċettaw il-preżenza tagħhom, ġeneralment ma jkunx hemm oġġezzjonijiet mill-kapijiet ta' l-iskejjel biex jagħmlu ċertu dimostrazzjonijiet lit-tfal, bħal pereżempju kif tilbes kondom b'mod tajjeb.

Malta lbieraħ ingħaqdet mal-bqija tad-dinja biex tiċċelebra l-Jum Dinji ta' l-AIDS u għall-okkażjoni d-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa qassam żewġ kotba b'informazzjoni dwar il-mard li hu trasmess sesswalment u tagħrif dwar is-saħħa sesswali fost studenti post-sekondarji.

*Tkompli fuq paġna 5*


